MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2015

Numru. 1095/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Zammit)**

**vs**

**John Grech**

**Kumpilazzjoni Nru: 1095/2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Grech, ta’ 51 sena, bin Carmel u Angela nee’ Curmi, imwieled Qormi fid-19 ta’ Marzu 1961, residenti gewwa l-fond bin-numru 33, Triq Dun Marju, Qormi u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 208361(M).

Akkuzat talli fil-11 t’ Ottubru 2012, ghall-habta tal-05:45 hrs u fil-hinijiet ta’ qabel, gewwa Hal Qormi, dolozament, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed f’periklu car il-hajja ta’ Anthony Spiteri ID 665344M, ikkagunalu feriti ta’ natura gravi hekk kif iccertifikat minn Dr. Annalise Buttigieg M.D. 5330.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fl-arma tan-nar tal-ghamla Benelli bin-numru ta’ registrazzjoni 139434, proprjeta’ ta’ Anthony Spiteri ID 665344M ghad-dannu tal-istess Anthony Spiteri.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

U aktar talli b’hekk jitqies recediv b’sentenza datata 23 ta’ Marzu 1983 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u dan ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Rat in-notata’ l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

1. 214, 215, 216, 217 u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
5. 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsdrat

Illi dan il-kaz jikkoncerna argument li sehh nhar il-11 ta' Ottubru 2011 bejn l-imputat u certu Anthony Spiteri.

Illi skond Anthony Spiteri nhar l-10 ta' Ottubru 2011, fil-ghaxija, kien qieghed id-dar meta sema' lil martu tibki wara l-bieb[1], dahlet id-dar u qaltlu li l-imputat kien rassha mal-bieb tal-garaxx u ried idahhalha fil-karozza tieghu. Meta martu qaltlu x'kien gara Spiteri ried imur mill-ewwel jaghmel rapport ghand il-pulizija pero martu qaltlu li ahjar imorru l-ghada fil-ghodu biex ma jallarmawx[2] lil uliedhom. L-ghada fil-ghodu Spiteri qam kmieni bhas-soltu biex, mal-kelba, imur ghall-kacca. Spiteri jirrakkonta li hareg mid-dar, mar biex jiftah il-wara tal-van biex idahhal lil kelbha u s-senter meta sab lill-imputat ma wiccu. Meta ra lill-imputat Spiteri qallu biex ihallihom kwieti ghaliex huma qatt ma tawh fastidju. Spiteri jkompli jirrakkonta li malli qal dan il-kliem huwa dar u l-imputat qabad jaghtih; Spiteri intefa' ma'l-art u l-imputat hadlu s-senter u kompla jaghtih. Spiteri mbaghad beda jghajjat ghall-ghajjut; malli harget mart Spiteri l-

[1] Hija kienet harget u kienet qed tirritorna d-dar.
[2] Uliedhom ma jghixux maghhom imma mart Spiteri bdiet tinkwieta li jekk icemplulhom u ma jsibuhomx id-dar jallarmaw ruhhom.

imputat mar jigri warajha u taha daqqa bis-senter f'darha u mbaghad rega kompla jaghti lil Spiteri f'wiccu u rasu waqt li dan kien ghadu ma'l-art. Spiteri kompla jghid li meta l-imputat waqaf jaghtih qallu li kien sejjer l-ghassa u li kien ser jghid lill-pulizija li Spiteri kien hareg ghalih bis-senter. Spiteri u martu mbaghad dahlu f'darhom sakemm gew il-pulizija. Fil-kors ta' dan l-incident Spiteri garrab ksur ta' l-ghadma ta' idu l-leminija, ksur f'imniehru (sinus), diversi lacerazzjonijiet[3] f'wiccu u mohhu, u briex f'rkuptejh it-tnejn; dawn huma griehi ta' natura gravi.

Illi mart Spiteri, Grace tghid li l-imputat kien ilu jittantaha pero hi kienet tipprova zzom kollox mistur minn zewgha u minn mart l-imputat biex ma jinqalax inkwiet. Hi tirrakonta kif dak in-nhar meta kienet hdejn l-iskola, fejn kellha tiltaqa' ma xi hbieb taghha biex imorru jiehdu te, l-imputat rassha, beda jghidilha li jhobbha u riedha tidhol fil-vann tieghu. Hi rnexxielha taharbu; meta eventwalment marret id-dar l-imputat kien mistohbi fil-karozza u meta raha beda jghajjtilha; hi qaltlu biex ihalliha u dahlet id-dar imbezza' u rrakkontat kollox lil zewgha li ried imur jaghmel rapport l-ghassa dak il-hin pero hi ikkonvincitu biex imorru l-ghada. Grace Spiteri tkompli tirrakkonta li l-ghada kmieni fil-ghodu semghet xi hadd jghajjat ghall-ghajjut, harget titawwal mill-gallerija u rat lill-imputat jitfa lil zewgha tahtu u jaghtih bis-senter. Spiteri niezlet tigri; hi u hierga qabdet vazun biex tiddefendi lilha nnifisha u lil zewgha bih. Meta l-imputat raha lil Spiteri ta daqqa bis-senter f'darha u sidirha. Hi bdiet tghidlu biex ihalli lil zewgha; meta zewgha qal lill-imputat li (l-imputat) kien ser joqtlu (bid-daqqiet li qed jaghtih) l-imputat qallu "noqltok irrid". Mbaghad Spiteri dahlet id-dar biex iccempel lill-pulizija. F'dan l-incident Spiteri soffriet griehi hfif.

Illi sa kemm pulizija mill-ghassa ta' Hal-Qormi marru fuq il-post, l-imputat lahaq mar l-ghassa b'senter f'idejh; is-senter kien kollu demm u gie konstat li kienet saritlu xi hsara ukoll. L-imputat dak il-hin lill-pulizija qallhom li Spiteri kien aggredih ghal xejn b'xejn pero hu irnexxielu jiehu s-senter minn id Spiteri u

[3] Fosthom wahda ta' seba centimetri, tnejn ta' sitt centimetri, tnejn ohra ta' erbgha centimtri; kellu lacerazzjoni ohra li kienet tirrikjedi hames punti.

baqa' sejjer l-ghassa. Il-konjugi Spiteri lill-pulizija tawhom bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni li taw lill-Qorti.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Huwa jirrakkonta li dak in-nhar fil-ghodu kien sejjer ghall-karozza li kienet qeghda ipparkjata hdejn il-vann ta' Spiteri; hekk kif kien ser jiftah il-bieba tfacca Spiteri u, minghajr kliem ta' xejn, fajjarlu daqqa bis-senter. L-imputat ikompli jispjega li bid-daqqa huwa storda pero Spiteri baqa jfajjarlu fil-waqt li hu beda jcaqlaq rasu biex jigi f'tieghu; malli gie f'tieghu l-imputat qabda is-senter u beda jissara biex jiehdu minn id Spiteri; waqt li bdew jissaraw bdew jaqaw u jqumu sa kemm irnexxielu jiehu s-senter u telaq bih l-ghassa. Dwar Grace Spiteri ma qal xejn hlif biex jinnega li huwa qatt ittantaha u li fil-hin ta' l-incident tefaltu xi qassrija jew vazun. F'dan l-incident l-imputat soffra tbengiela f'ghajnejh u mniehru, briex f'idejh u irkuptejh u *scratch marks* fuq il-parti ta' fuq ta' daru; dawn il-griehi kollha gew certifikati bhala ta' natura hafifa.

Illi ghandu jigi rilevat li s-senter ma kienx fih munizzjon.

Ikkunisdrat

Illi huwa car li hemm kunflitt fil-verzjonijiet mghotija mill-konjugi Spiteri min-naha u l-imputat min-naha l-ohra pero dan il-kunflitt jista' jigi rizolt fis-sens li l-Qorti hija tal-fehma li fid-dawl tal-provi kollha prodotti u b'mod partikolari dawk dwar il-griehi sofferti minn kull wiehed mill-partijiet involuti[4], tista' taghti kredibilita lill-verzjoni mghotija mill-konjugi Spiteri.

Illi l-imputat soffra biss bengiela f'ghajnejh u fuq imniehru li jistghu ikunu kompatibbli ma' daqqa' ta' ponn, u briex f'idejh u irkuptejh li probabbilment

[4] Dwar il-griehi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju ghaliex dawn jirrizultaw mic-certifikati medici rilaxxjati.

gew ikkawzati meta hu u Spiteri kienu ma' l-art[5]. Spiteri min-naha l-ohra soffra hames lacerazzjonijiet twal f'wiccu u mohhu, ksur tas-sinus u ta'l-ghadma ta' idejh minbarra briex f'irkuptejh. Huwa ovvju li l-griehi sofferti minn Spiteri (lacerazzjonijiet f'wiccu u mohhu, u ksur f'imniehru u idejh) huma rizultat ta' diversi daqqiet mghotija b'certu sahha. In oltre jirrizzulta li dan l-incident s-senter, apparti li kellu hafna demm mieghu, soffra hsara, fatt indikattiv tas-sahha li ntuzat mill-persuna li kienet qed taghti d-daqqiet bih. Involuti f'dan l-incident kien hemm biss l-imputat u Spiteri, ghalhekk il-griehi kollha sofferti minn Spiteri[6] bil-fors kienu rizultat ta daqqiet ripetuti li tah l-imputat bis-senter[7]. Dan jikkontradici dak li qal l-imputat li huwa kull m'ghamel kien li qabad is-senter u ssara ma' Spiteri biex johodulu minn idejh. Min-naha l-ohra dawn il-griehi jikkorroboraw dak li qal Spiteri li kien l-imputat li attakkah u huwa iddefenda lilu nnifsu kif l-ahjar seta'.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ta' griehi gravi a dannu ta' Anthony Spiteri ai termini ta'l-artikolu 216 b'l-aggravvju predispost f'l-artikoli 217 u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif diga ntqal l-Qorti hija konvinta lil l-griehi sofferti minn Anthony Spiteri (li jaqghu taht definizzjoni tas-subartikoli (1)(a)(b)(d) ta'l-artikolu 216) gew ikkawzati mill-imputat. Jirrizulta ukoll li hafna minn dawn il-griehi gew ikkawzati bhala rizultat ta' daqqiet b'senter li huwa arma regolari ghalhekk jissussisti ukoll l-aggravju predispost f'l-artikolu 217.

Illi dwar l-aggravju predispost f'l-artikolu 222A tal-Kapitolu 9, cioe dak dwar offieza fuq persuna li tkun ghalqet is-sittin sena ghandu jigi rilevat li ma

[5] Huwa kellu ukoll xi abrazzjonijiet f'daru li facilment setghu gew kawzati meta kienu qed jitqabdu.
[6] Hlif ghal dawk l-abbrazzjonijet f'irkuptejh.
[7] Dan qed jinghad anke tenut kont tat-tip ta' griehi.

ngiebitx prova dwar l-eta ta' Anthony Spiteri ghalhekk dan l-aggravju ma giex pruvat.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar hsara volontarja ikkawzata fis-senter ta' Anthony Spiteri; l-Avukat Generali kwota l-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 cioe dak li jirreferi ghal hsara li teccedi €2,500[8]. Mir-rapport ta'l-espert nominat, l-eks Brigadier Maurice Calleja, jirrizullta li l-hsara kienet tammonta ghal €220. Il-Qorti m 'ghandha l-ebda dubbju li l-hsara giet ikkawzata meta s-senter kien qed jintuza biex jinghatghu daqqiet lil Spiteri konsegwentement din it-tieni imputazzjoni tirrizult, pero fit-termini ta' l-artikolu 325(1)(c).

Illi t-tielet imputazzjoni hija dik dwar ksur tal-bon ordni u paci pubbliku. M'hemm l-ebda dubbju li sehh l-incident u li f'dan l-incident b'l-agir tieghu l-imputat kiser l-bon ordni u l-paci pubblika.

Illi r-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar recidiva. L-unika prova li tressqet in sostenn ta' din l-imputazzjoni hija kopja mhux awtentikata ta' sentenza apparentement datata 23 ta' Marzu 1983. Dan id-dokument mhux l-ahjar prova li kellha tingieb bhala prova ta' xi kundanni fil-konfront ta' l-imputat ghalhekk ma jistax jinghad li din l-imputazzjoni giet pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel fattur huwa n-natura serjissima tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, min-naha l-ohra l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni ukoll

[8] Meta giet prezentata n-nota ta' rinviju ghal gudizzzju ta'l-Avukat Generali l-artikolu 325(1)(a) kien jaghmel referenza ghal hsara li teccedi €1,164.69

l-fedina penali ta’ l-imputat li hija kwazi netta. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-piena ghandha tkun wahda  karcerarja pero ghal perjodu aktar vicin il-minimu milli l-massimu sabbilit mill-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-raba imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 214, 215, 216(1)(a)(b)(d), 217, 325(1)(c) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu b’dan li mhux qed issibu hati ta’ l-aggravju predispost f’l-artikolu 222A tal-Kapitolu 9 mill-liema aggravju qed jigi liberat u tikkundannah disgha (9) xhur prigunerija. In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ €103.64 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta’ esperti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------